MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2311/2002

**Oxford House Ltd**

**Vs**

**Mark Rosso**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm653.83) hlas ta’ danni sborsati mis-socjeta attrici konsegwenza tal-incident tat-traffiku li sehh gewwa z-Zurrieq bejn il-vettura numru DAJ 474 u l-vettura JAX 661 propjeta tas-socjeta attrici u misjuqa mill-impjegat taghha Duncan Grixti, ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontestat it-talba tas-socjeta attrici.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra.

1. Il-fatti tal-kawza huma s-segwenti:-

(a) Is-socjeta attrici hija propjetarja tal-vettura bin-numru JAX 661 li kienet qeghda tinstaq minn Duncan Grixti.

(b) Il-vettura l-ohra, DAJ 474 kienet misjuqa mill-konvenut.

(c) Iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni, b'dik tal-konvenut wara l-vettura bin-numru JAX 661.

(d) L-incident sehh gewwa Valletta Road.

(e) Il-vettura numru JAX 661 riedet tidhol gewwa Triq Guzepp Barbara.

2. Fl-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz insibu l-verzjoni taz-zewg sewwieqa:-

(a) **Duncan Grixti**:- *"he was driving along Valletta Road from direction of Zurrieq and applied the indicator towards Kirkop, Triq Dun Guzepp Barbara. As he was turning vehicle DAJ 474 arrived from his right to overtake him and thus collided in his right front side"*.

(b) **Konvenut**:- *"He was driving along Valletta Road from direction of Zurrieq towards Valletta; tried to overtake vehicle JAX 661 from its right which was turning towards Kirkop. As he found in front of him tried to avoid it but collided in his right front side"*.

3. Quddiem it-Tribunal is-sewwieqa xehedu:-

(a) **Duncan Grixti**:-

- ikkonferma l-iskizz a fol. 36 tal-process;
- kien qieghed fuq il-karreggjata ta’ barra;
- sema’ hoss ta’ vettura li marret fuq in-naha l-ohra tat-triq u laqtet il-mudguard tal-vettura JAX 661;
- l-ewwel darba li ra l-vettura kien ma’ l-impatt;
- xeghel l-indicator circa tlett metri qabel;
- fil-hin ta’ l-incident kien wieqaf u kien qieghed jaccerta ruhu li ma kienux gejjin vetturi mill-faccata tieghu;

(b) **Mark Rosso**:-

- jikkonferma li quddiemu kien hemm van;
- il-van ma kellux indicators mixghulin u ghamel manuvra ta’ sorpass minn fuq in-naha tal-lemin;
- fil-hin li ghamel il-manuvra ta’ sorpass il-vann JAX 661 kien ghadu miexi;
- hekk kif wasal ma gemb tal-vann dan beda mixi. Ghalkemm ipprova jiskapulah ma rnexxielux;
- fil-hin ta’ l-incident il-vann kien ghadu ma bediex idur;
- mar fuq il-karreggjata opposta ghaliex ma kienx hemm bizzejjed wisa’ biex ighaddi minn fuq in-naha tax-xellug tal-vann;
- ghalkemm hemm linji kontinwi fin-nofs tat-triq dawn bil-kemm jidhru u ma setax jinduna bihom [fatt li gie kkonfermat minn Colin Psaila – seduta tas-27 ta’ Frar 2003];
- jaf li hemm linja kontinwa ghalkemm dakinhar ta’ l-incident ma kenitx tidher sew;

4. Hemm nuqqas ta’ qbil bejn il-kontendenti jekk il-vettura tas-socjeta attrici kellhiex l-indicator mixghul. F’kull kaz, jibqa’ l-fatt li l-manuvra ta’ Duncan Grixti kienet wahda li tigbed fuqu l-ikbar attenzjoni da parti tieghu. Min ser jaqsam min-naha ghall-ohra tat-triq mhux kemm jaghti sinjal, imma ghandu necessarjament f’kull hin izomm *‘proper lookout’*. Li tixghel l-*indicator* huwa biss parti mill-oneru li kellu x-xufier tal-vettura JAX 661 qabel ma jdur u ma kienx bizzejjed wahedha ghal biex tintitolah li jaghmel tali manuvra.

5. It-Tribunal jemmen li kieku l-vettura JAX 661 baqghet wieqfa l-hin kollu, kif xehed is-sewwieq, il-hsarat fil-vettura DAJ 474 ma kienux ikunu kif indikati fl-okkorrenza a fol. 38 tal-process fejn jinghad li l-hsara kienet
*”left front mudguard, left front door, left rear door, left front indicator”*. It-Tribunal huwa tal-fehma li hekk kif il-vettura DAJ 474 ghaddiet minn ma’ gemb il-vettura JAX 661, din qalghet minn postha sabiex taghmel il-manuvra biex tidhol fit-triq sekondarja. Li Duncan Grixti jghid li l-vettura DAJ 474 ra ma’ l-impatt jikkonferma li huwa ma kienx attent ghal vetturi gejjin minn warajh qabel ma beda l-manuvra biex jikser fuq il-lemin tieghu. Dan ifisser li jew ma hares xejn jew jekk hares ma harisx sew. Ma jirrizultax li kien hemm xi haga li seta’ jostakola l-vizwali ta’ Duncan Grixti. Il-posizzjoni li fiha spiccat il-vettura misuqa mill-konvenut tidher li hija rizultat ta’ l-azzjoni evaziva li ha fit-tentattiv iddisprat tieghu biex jevita l-incident.

6. Min-naha l-ohra t-Tribunal ma jistax jezimi lill-konvenut mir-responsabbilta ghall-incident. Il-fatt li ghamel manuvra ta’ sorpass f’dik il-parti tat-triq mhuwiex sewqan floku u ghandu jaghmel tajjeb ghal parti mill-htija.

7. It-Tribunal jaghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Jurgen W. Dobler vs Anthony Caruana** deciza fil-5 ta’ Ottubru 1998. Il-principji li gew stabbiliti f’din is-setenza huma s-segwenti:-

*“il-manuvra ta’ surpass hi wahda legittima u l-fatt li s-sorpassant ikun qed joltrepassa l-linja medjana mmaginarja fit-triq, fih innifsu, mhux element determinanti ghall-fini ta’ responsabbilta’. Imma meta s-sorpass isir b’mod inkurantita’ dak li jistghu jkunu ntenzjonati li jaghmlu l-vetturi quddiem is-sorpassant u f’post fejn dawk il-vetturi setghu ukoll legittimament jaghmlu manuvra biex iduru lejn il-lemin taghhom biex jidhlu go junction li jkunu*

*qed javvicinaw, is-sorpass isir censurabbli ghaliex seta' jkun fattur li jipprovoka ncident"*. Dan iktar u iktar fejn hemm linja kontinwa fit-triq. Ghalkemm jirrizlulta li fil-gurnata ta' l-incident dawn il-linji ma kienux jidhru sew, il-konvenut *ex admissis* iddikjara li kien jaf bihom. Fic-cirkostanzi huwa qatt ma messu ttenta jaghmel manuvra ta' sorpass billi jmur fuq in-naha l-ohra tat-triq. Bl-agir tieghu qieghed lilu fil-posizzjoni li meta nqalghet l-emergenza ma kienx f'posizzjoni li jiehu azzjoni evaziva fil-hin opportune sabiex jevita l-incident. B'hekk il-konvenut gie li ghamel manuvra ta' sorpass fejn kien hemm *junction* u sahansitra mar fuq in-naha l-ohra tat-triq meta r-regolamenti kienu jivvjetaw tali manuvra.

Min-naha l-ohra min kien ser jikser fuq il-lemin ghal gewwa triq sekondarja, *"kellu htija, anke fi grad oghla mill-attur, ghas-sinistru ghaliex kien obbligat li jkun pjenament a konoxxenza tal-posizzjoni u tal-moviment tat-traffiku li jkun qed isegwih fil-mument meta jkun ser jittanta l-manuvra riskjuza li kien intenzjonat li jaghmel. Manuvra li kienet timponi fuqu l-obbligu mhux biss li jirrallenta biex jiehu l-posizzjoni tieghu biswit il-junction imma wkoll li jaccerta ruhu mill-moviment tal-vetturi kollha li jkunu jsegwuh, waqt li jissenjala adegwatament x'kienet l-intenzjoni tieghu. Dan proprju ghaliex seta' jkun hemm il-possibilta li vettura ohra tkun qed tittanta tissorpassah. F'dik l-eventwalita il-manuvra li jdur lejn il-lemin kienet timporta li jkun qed jinvadi dik il-parti tat-triq fejn ikun qieghed isir is-sorpass"*.

Applikati dawn il-principji, it-Tribunal huwa tal-fehma li z-zewg sewwieqa huma responsabbli ghall-incident fi grad ugwali bejniethom. It-Tribunal m'huwiex ser jaddotta l-htija kif giet apporzjonata mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fuq imsemmija peress li l-konvenut ghazel li jaqbez il-linja kontinwa li hemm f'nofs it-triq sabiex jaghmel manuvra ta' sorpass. Ir-regolamenti tat-traffiku qeghdin hemm sabiex is-sewwieqa josservawhom u mhux jiehdu riskji, kif wara kollox ghamel il-konvenut, bla bzonn.

8. Ghal dak li jikkoncerna d-danni ma saret l-ebda kontestazzjoni u dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u tnejn u disghajn centezmu (Lm326.92). L-imghax jiddekorri mil-lum sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Spejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------